MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 476/2001/1

**Citadel Insurance plc kif surrogata fid-Drittijiet tal-assikurat taghha Fort Blocks Ltd sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Fort Blocks Ltd**

**Vs**

**Kenneth Brincat u b'digriet moghti fil-5 ta' Settembru 2001 interveniet fil-kawza Untours Insurance Agents Ltd in rapp-rezentanza ta' Qatar Insurance Company**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li fih intalab il-hlas tas-somma ta' elf u tnejn u ghoxrin lira Maltija u wiehed u hamsin centezmu (Lm1,022.51) hlas ta' danni sofferti mill-atturi fl-incident tat-traffiku li sehh fit-23 ta' Dicembru 2000 fi Triq is-Snajja ma' Triq it-Trinkatur, Mosta bejn il-vettura numru CBG 506 misjuqa mill-konvenut u propjeta ta' Sandro Agius u l-

vettura numru MAN 555 misjuqa minn Emanuel Gatt u propjeta ta’ Fort Blocks Ltd, prevja d-dikjarazzjoni jekk hemm bzonn, li l-incident sehh tort tal-konvenut.

Ra r-risposta li permezz taghha l-konvenut ikkontesta r-responsabbilta ghall-incident.

Semgha x-xhieda li ressqu l-partijiet.

Ra d-dokumenti.

Semgha t-trattazjoni.

Ikkunsidra:-

1. Il-fatti tal-kaz huma s-segwenti:-

(a) Fit-23 ta’ Dicembru 2000 sehh incident tat-traffiku gewwa Triq is-Snajja kantuniera ma’ Triq it-Trinkatur, Mosta.

(b) Fl-incident kienu nvoluti l-vettura propjeta tas-socjeta attrici bin-numru MAN 555 [tal-marka Kia] u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru CBG 506 [tal-marka Toyota].

(c) Il-vettura misjuqa mill-konvenut kienet hierga fi Triq is-Snajja.

(d) Triq is-Snajja, igifieri it-triq li minnha kienet ghaddejja l-vettura propjeta tas-socjeta attrici hija t-triq principali, filwaqt li Triq it-Trinkatur hija triq sekondarja. Iz-zewg toroq jifformaw T-junction.

(e) Il-vettura propjeta tas-socjeta attrici kienet qeghda tinstaq iktar lejn in-nofs ta’ Triq is-Snajja. Kif jidher mill-iskizz li pprezenta l-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz [fol. 57] fuq ix-xellug tal-vettura MAN 555, kien hemm vettura pparkjata.

(f) Fuq ix-xellug tal-konvenut kien hemm vettura pparkjata [bin-numru ADR 282] fil-kantuniera u li

skond huwa kienet qeghda tostakola l-vizwali tieghu. Kien ghalhekk li jghid li sporga l-barra sabiex ikollu vizwali iktar fit-tul.

(g) Il-verzjonijiet moghtija mix-xufiera huma s-segwenti [fol. 58]:-

1. **Konvenut** – *"minhabba li fil-kantuniera ezatt kien hemm karozza pparkjata, jiena hrigt ftit il-barra. Izda imbaghad sibt lil MAN 555 li kien niezel l-isfel go fija"*.

2. **Emanuel Gatt** – *"jiena kont niezel lejn triq il-Fortizza u CBG 506 harigli minn Triq it-Trinkatur u hbatna"*.

2. Fil-fehma tat-Tribunal dan huwa kaz klassiku ta' vettura hierga minn triq sekondarja ghal gewwa triq principali. Huwa maghruf li vetturi li jkunu fi triq principali ghandhom il-precedenza. Il-fatt li l-konvenut seta' kellu, kif qal, il-vizwali tieghu ostakolata minn vettura li kienet ipparkjata fuq ix-xellug tieghu, ma tistax isservi sabiex tiskolpah mir-responsabbilta. Semmai kellu juza iktar kawtela huwa u jesporgi fit-triq principali. Kieku kif qal il-konvenut beda johrog mit-triq sekondarba bil-mod [inching out], ix-xufier tal-vettura ma kienx ser jara *"il-vettura misjuqa mill-konvenut habta u sabta – litteralment rajtha ma' wicci, u ma kienx hemm hin biex jiena nipprova naghmel xi haga biex niskapulaha"* [fol. 65].

3. Huwa veru li fejn hemm triq li taghaqad ma' ohra, wiehed ghandu jkun lest ghal xi vettura hierga. Pero' mill-provi jidher li l-vettura misjuqa mill-konvenut harget minn gewwa Triq it-Trinkatur hekk kif il-vettura numru MAN 555 kienet ghaddejja fi triqtha. Ma jidhirx li x-xufier ta' din il-vettura ghamel xi manuvra li biha seta' kkontribwixxa ghall-incident. Il-fatt li l-vettura bin-numru MAN 555 kienet qeghda tinstaq lejn in-nofs tat-triq ma ssarrafx f'xi kontributorjeta ghall-incident. Huwa fatt li f'dik il-parti tat-triq kien hemm ostakolu [vettura li kienet ipparkjata fuq in-naha tax-xellug] li kienet qeghda sservi sabiex il-wisa' tat-triq tkun idjaq. F'dawk ic-cirkostanzi x-xufier tal-

vettura MAN 555 ma kellux triq ohra ghajr li jsuq f'dik il-parti tat-triq li kienet karreggjabbli.

4. Fir-rigward tad-danni gew ezebiti numru ta' ritratti li juru l-hsara li garrbet il-vettura tas-socjeta attrici [fol. 45 – 47] u d-dokumenti pprezentati [fol. 44 u 48 – 55]. Fil-fehma tat-Tribunal gie ppruvat sodisfacentement li d-danni sofferti huma fl-ammont ta' elf u tnejn u ghoxrin lira Maltija u wiehed u hamsin centezmu (Lm1,022.51). Ghalkemm fit-trattazzjoni ta' l-avukat difensur tal-konvenut gie kkontestat il-*quantum* reklamat mill-atturi, it-Tribunal jemmen li dak li nghad fis-survey report a fol. 44 tal-process ma gie bl-ebda mod kontradett mill-konvenut. Wiehed ghandu japprezza wkoll li l-parti ntestata *"vehicle damage"* li nsibu fl-okkorrenza li ghamel il-pulizija li nvestiga l-kaz, m'hijiex *survey* dettaljat tal-*parts* li jkollhom jinbidlu jew it-tiswija li jkollha ssir. Ghalhekk il-fatt li fis-*survey report* jissemmew xi parts li ma ssemmewx fl-okkorrenza, m'ghandux b'daqshekk jxejjen is-*survey report*.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' elf u tnejn u ghoxrin lira Maltija u wiehed u hamsin centezmu (Lm1,022.51), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez huma kollha ghak-karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------